Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1116

27.5.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1116

tas-26 ta' Mejju 2026

li jelenka l-prodotti, il-komponenti u l-flussi tal-iskart meqjusa li għandhom potenzjal rilevanti ta' rkupru tal-materja prima kritika skont ir-Regolament (UE) 2024/1252

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(7) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2024/1252 jirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw programmi nazzjonali li jkun fihom miżuri mfassla biex iżidu ċ-ċirkolarità tal-materja prima kritika.

(2) Skont l-Artikolu 26(7) tar-Regolament (UE) 2024/1252, il-Kummissjoni trid telenka l-prodotti, il-komponenti u l-flussi tal-iskart li jitqiesu li għandhom potenzjal rilevanti ta' rkupru tal-materja prima kritika. Jenħtieġ li dik il-lista sservi bħala referenza għall-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali msemmija fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2024/1252. Jenħtieġ li l-lista ma twaqqafx lill-Istati Membri milli jqisu prodotti, komponenti u flussi tal-iskart addizzjonali għall-irkupru tal-materja prima kritika fil-kuntest tal-prattiki taċ-ċirkolarità nazzjonali tagħhom.

(3) Il-lista prevista fl-Anness ta' dan ir-Regolament fiha l-lista tal-prodotti, tal-komponenti u tal-flussi tal-iskart li l-Kummissjoni tqis li għandhom potenzjal rilevanti ta' rkupru tal-materja prima kritika, filwaqt li tqis il-kriterji msemmija fl-Artikolu 26(7), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2024/1252.

(4) Il-lista tirrifletti l-istat attwali tal-iżvilupp teknoloġiku u l-kundizzjonijiet tas-suq rilevanti għall-irkupru tal-materja prima kritika. Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u regolatorji futuri, il-Kummissjoni tista', fejn xieraq, taġġorna dan l-att ta' implimentazzjoni.

(5) L-iskart tal-estrazzjoni mhuwiex inkluż f'dik il-lista, peress li l-miżuri mfassla biex jippromwovu l-irkupru tal-materja prima kritika mill-iskart tal-estrazzjoni diġà huma koperti mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2024/1252.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Implimentazzjoni tal-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika stabbilit bl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2024/1252

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti, il-komponenti u l-flussi tal-iskart elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament jitqiesu li għandhom potenzjal rilevanti ta' rkupru tal-materja prima kritika skont it-tifsira tal-Artikolu 26(1), il-punti (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2024/1252.

([1]) ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Lista ta' prodotti, komponenti u flussi tal-iskart li jitqiesu li għandhom potenzjal rilevanti ta' rkupru tal-materja prima kritika:

1. Batteriji, bil-komponenti li ġejjin, b'mod partikolari:
   - Materjali katodiċi attivi*
   - Materjali anodiċi attivi*
   - Kolletturi katodiċi tal-kurrent*
   - Kolletturi anodiċi tal-kurrent*
   - Sistemi ta' ġestjoni tal-batterija
   - Kejbils interni
2. Tagħmir elettriku u elettroniku, bil-komponenti li ġejjin, b'mod partikolari:
   - Kalamiti permanenti
   - Hard disk drives
   - Kompressuri
   - Displejs (tubu katodiku, kristall likwidu, rita rqiqa, plażma)
   - Bordijiet ta' ċirkwit stampat
   - Kejbils
   - Ċelloli fotovoltajċi
   - Frejms fotovoltajċi
   - Il-frazzjoni li jifdal wara l-iżmantellar speċifiku fit-trattament minn qabel ([1])
3. Turbini eoliċi u infrastruttura relatata, bil-komponenti li ġejjin, b'mod partikolari:
   - Kalamiti permanenti
   - Ġeneraturi
   - Trasformaturi
   - Konvertituri u invertituri
   - Kejbils.
4. Vetturi bil-mutur ([2]) bil-komponenti li ġejjin, b'mod partikolari:
   - Muturi tat-trazzjoni b'kalamita permanenti
   - Muturi tat-trazzjoni bl-induzzjoni
   - Muturi elettriċi mingħajr trazzjoni

([1]) * Dawn il-komponenti jistgħu jinstabu wkoll bħala kostitwenti ewlenin fi frazzjoni mħallta wara trattament speċifiku fi tmiem il-ħajja, eż. massa sewda.
Filwaqt li mhijiex komponent, il-frazzjoni tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku li jifdal wara l-iżmantellar speċifiku fit-trattament minn qabel tipikament ikun fiha ammonti kbar ta' materja prima kritika u għalhekk jista' jkun xieraq li tiġi inkluża fil-programmi nazzjonali taċ-ċirkolarità.

([2]) Kif definit fir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj).

— Komponenti elettriċi u elettroniċi soġġetti għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ jew għal kwalunkwe forma oħra ta' rkupru skont l-atti rilevanti tal-Unjoni fil-verżjoni valida tagħhom

— Konvertituri u invertituri

— Faxex prinċipali tal-wajers

— Ċelloli tal-fjuwil

— Konvertituri katalitiċi

— Komponenti u/jew partijiet tal-aluminju maħdum

— Komponenti u/jew partijiet tal-aluminju fondut

— Komponenti u/jew partijiet tal-manjeżju.

5. Mezz tat-trasport ħafif.

6. L-infrastruttura tal-enerġija ([3]) u l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni ([4]).

7. Pompi industrijali.

8. Katalizzaturi industrijali.

9. Diġestat u kompost mill-bijoskart miġbur separatament.

10. Ħama u rmied, b'mod partikolari:

— Ħama tad-dranaġġ mit-trattament tal-ilma mormi ([5]) urban

— Irmied tal-qiegħ u li jtir li jirriżulta mill-monoinċinerazzjoni tal-ħama mit-trattament tal-ilma mormi urban

— Irmied tal-qiegħ mill-inċinerazzjoni tal-iskart solidu muniċipali

— Irmied tal-qiegħ mill-inċinerazzjoni tal-iskart kummerċjali jew industrijali

11. L-iskart mill-kostruzzjoni u d-demolizzjoni, b'enfasi partikolari fuq l-aluminju, il-ligi tal-aluminju, ir-ram, il-ligi tar-ram u l-kejbils fil-bini.

([3]) Kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/869/oj).

([4]) Elementi msemmija fid-definizzjoni ta' "infrastruttura fiżika" kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (2), tad-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja (ĠU L 155, 23.5.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/61/oj) u fl-Artikolu 2, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2024/1309 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża tal-implimentazzjoni tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tal-gigabits, li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar id-Direttiva 2014/61/UE (Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits) (ĠU L, 2024/1309, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1309/oj)
Sistemi msemmija fid-definizzjoni ta' "network tal-komunikazzjonijiet elettroniċi" kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1972/oj).

([5]) Kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2024/3019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trattament tal-ilma mormi urban (ĠU L, 2024/3019, 12.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/3019/oj).